# Pass ieħor pożittiv għall-UE



**Minħabba d-diversi tibdiliet li seħħew fl-UE f'dawn l-aħħar snin, fosthom it-tkabbir, inħass il-bżonn li l-UE ssir iktar demokratika, effiċjenti u trasparenti maċ-ċittadini, mal-Istati Membri tagħha bejniethom u fuq livell internazzjonali. Dan wassal għat-Trattat ta' Liżbona, iffirmat fit-13 ta' Diċembru 2007.**

Biex jidħol fis-seħħ, it-Trattat irid ikun irratifikat mill-Istati Membri kollha. Fl-Irlanda kien meħtieġ li dan isir permezz ta' referendum. Fit-2 ta' Ottubru sar it-tieni referendum li wassal biex 67.1% tal-Irlandiżi vvutaw favur it-Trattat.



Fost it-tibdiliet li se jġib miegħu t-Trattat hemm li:

- jingħata aktar poter lill-Parlament Ewropew milli għandu bħalissa u li Malta jkollha sitt membri fil-PE;
- jkun hemm involviment akbar mill-Parlamenti Nazzjonali tal-pajjiżi membri fit-tmexxija tal-UE;
- kull Stat Membru jibqa' jkollu membru fil-Kummissjoni Ewropea;
- tinstema' iktar il-vuċi taċ-ċittadin Ewropew;
- jkun hemm żieda fl-użu tal-vot b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill tal-Ministri;
- jiġi elett President tal-Kunsill Ewropew li jokkupa din il-kariga għal perjodu ta' sentejn u nofs; u
- jinħatar Rappreżentant Għoli fl-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà u jinħoloq Servizz ġdid għall-Azzjoni Esterna tal-UE




MEUSAC Malta-EU Steering & Action Committee

*280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT 1112*
*2590 9101*
*info.meusac@gov.mt*
*www.meusac.gov.mt*